MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Numru. 107/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Michael Refalo**

Numru 107/2013

Illum 24 ta' Frar 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Michael Refalo**, ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Louis u Eucharista neé Xiberras imwieled Westmead, Australia nhar l-14 ta' April

1990, residenti fil-fond numru 52, Triq San Guzepp, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 184200L, akkuzat talli nhar it-8 ta' Dicembru 2012 gewwa x-Xlendi, limiti tal-Munxar, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta *cannabis* kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikoli 8(a) u 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma tali l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tieghu u l-fedina penali (Dok. "B" – *a fol.* 10) tieghu, li minkejja li mhijiex wahda kompletament nadifa ma jistghax jinghad li hija wahda refrattarja.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, u r-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 tal-1939) issib lill-imputat Michael Refalo hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-

Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. "FT 1" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li fil-mument li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu l-espert li gie mqabbad f'dawn il-proceduri ma lehaqx espleta l-inkarigu moghti lilu u b'hekk l-inkarigu tal-espert gie revokat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------